# L-Oriġini Dokumentati Tad-Devozzjoni Lejn San Gejtanu ġewwa Malta fl-1656.

F'din il-klima ta' ġlieda akkanita kontra t-Torok, jiġu mifhuma żewġ rebħiet navali li xerrdu, ħeġġew u żiedu d-devozzjoni lejn San Gejtanu ġewwa Malta. Il-**"Ħajja tal-Beatu Gejtanu Tiene, fundatur tal-Ordni tal-Kjeriċi Regolari"** miktuba minn P.D. Stefano Pepe, u stampata f'Venezja fl-1662 (MDCLXII / Per li Heredi Leni), tiddedika l-paġni 657-691 biex tirrakkonta dwar "festa mill-isbaħ ġewwa Malta ad unur il-Beatu Gejtanu (Gejtanu kien ibbeatifikat fl-1629 u kkanonizzat fl-1671) wara r-rebħa tas-sena 1656, fid-29 ta' Lulju."



*Standard tal-Beatu Gejtanu (San Gejtanu).*

P.D. Stefano Pepe jikteb: "Mimlija bi trofej mirbuħa u meħuda lill-Ottoman, l-Iskwadra ta' Malta waslet lura, wara r-rebħa li bl-għajnuna kbira tas-Sema kisbet fuq ħafna iġfna Torok, fl-assistenza li tat lill-armata tar-Repubblika Venezjana (1656). Kien Ġeneral il-Prijur della Roccella, Fra D. Gregorio Carafa... Huwa qabel ma wera dak merbuħ fil-port, bil-ħsieb li jrodd ħajr lis-Sema u jwettaq l-obbligi tiegħu, kiteb lil P.D. Paolo Carafa, prepostu f'Napli. Qallu: "Taf bir-rebħa glorjuża li Alla l-Imbierek għoġbu jagħtina kontra t-Torok. L-Iskwadra tagħna rebħet tmien iġfna u tliet bċejjeċ oħra tal-baħar, li qed nirmonka lura miegħi lejn Malta... Irrid ngħidlek imma li lkoll kemm aħna nattribwixxu r-rebħa għal miraklu tal-Beata Verġni, li l-istandard tagħha nżamm fil-poppa, kif ukoll għall-glorjuż Beatu Gejtanu, li x-xbieha tiegħu, b'fidi kbira, ittellgħet minna mal-arblu l-kbir tax-xini tiegħi. Minkejja l-attakki u l-isparar għal fuqna mill-kanuni minn żewġ kastelli u żewġ fortizzi żgħar, u minn mitt ġifen Tork, lanqas balla waħda ma laqtet ix-xini tiegħi, u dan meta kien l-aktar wieħed espost. Il-ħsieb Tork kien li jerbħu l-istandard Malti u joffendu l-flotta tagħna. Imma Alla l-Imbierek, ippermetta l-kuntrarju: xejn ma ġara minn dan ħlief għal li l-ponta tal-istandard intmisset bi żbrixx. Hi grazzja għalija, li ningħaqad mas-saċerdoti u l-komunità tiegħek biex f'ismi nagħti l-akbar ħajr lill-glorjuż Beatu Gejtanu, u li wara li nasal lura Malta nibgħat lejn il-Knisja ta' San Paolo (San Paolo Maggiore, sede ewlenija Teatina f'Napli) wieħed mill-istandardi Torok merbuħa, biex jibqa' tifkira dejjiema ta' tant grazzja li rċevejna. Mill-bajja ta' Kalabrija fejn ninsab fir-ritorn tiegħi b'dak kollu merbuħ lill-għadu. 29 ta' Lulju 1656."



*L-altar ta' San Gejtanu fil-Knisja ta' San Pawl il-Belt kif jidher illum.*

Dan il-fatt xerred u żied bil-kbir id-devozzjoni lejn il-Beatu Gejtanu ġewwa Malta, u ħafna kienu dawk li frekwentaw il-kappella ddedikata lilu ġewwa l-Knisja ta' San Pawl Nawfragu ġewwa l-Belt Valletta, aktar u aktar meta dik is-sena P. Placido Carafa, għamel il-Kwareżima f'dik is-sena.

Cesare Passalaqcqua, Ministru tal-Interessi Ewlenija tal-Ordni, permezz ta' ittra datata 25 ta' Settembru 1656, kiteb dwar il-festi solenni li saru b'ħajr għal dawn il-grazzji. Kiteb hekk:

"Lilek V.P.M.R. (vostra paternità molto riverenda), bħala li waqqaft, u protettur tal-altar tal-Beatu tagħna Gejtanu, kun af li wara t-tluq tiegħek għat-taqbid il-poplu baqa' jikkonkorri lejh (Beatu Gejtanu) għall-adorazzjoni. Iżda d-devozzjoni tant kibret mal-aħbar tar-rebħa tas-26 ta' Ġunju ta' din is-sena, mill-armata ta' Venezja bl-għajnuna u s-sokkors tas-seba' xwieni ta' din is-Sagra u Eminentissima Ordni, taħt it-tmexxija tiegħek Eċċellenza Sinjur Fra Don Gregorio Carafa (fl-1680 dan sar it-62 Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann u dam sa mewtu fl-1690), Prijur della Roccella (Kalabrija, Italja), għaliex fl-ewwel attakk fuq l-armata Turka, int invokajt l-għajnuna ta' San Ġwann il-Battista u f'isem il-Beatu Gejtanu tajt l-ewwel assalt għal dan l-għan hekk kbir. Hekk saret l-ewwel festa nhar is-7 ta' Awwissu li għadda.





*Il-Gran Mastru Gregorju Caraffa u l-arma tiegħu.*



*Dehra tal-port ta' Malta bix-xwieni tal-Ordni ta' San Ġwann - xena simili għal dik li kien hemm fl-ewwel festa ad unur San Gejtanu ġewwa Malta meta x-xbieha tiegħu ttieħdet b' purċissjoni sa fuq is-swar.*

Mhux se noqgħod ngħidlek dwar l-apparat ta' damask, pitturi u aktar ġewwa l-knisja, għax tista' tobsor. Ngħidlek iżda li saret festa f'ġieħ il-Beatu Gejtanu li damet tmint ijiem sħaħ, bl-altar tiegħu miksi bix-xemgħat. Mexxa ċ-ċelebrazzjoni ta' lejlet jum il-festa Monsinjur Isqof bl-assistenza tal-Kavallieri u s-Sinjuri tal-Gran Croce. Il-Granmastru (Fra Jean Paul Lascaris Castellar – 1636-1657), billi ma setax jieħu sehem minħabba l-marda tiegħu, ried pittura tal-Beatu f'kamartu biex iqimu, u sallum (25 ta' Settembru 1656) din għadha hemm. Il-festi ssoktaw b'mużika, logħob tan-nar, u dwal fil-pjazez u fuq id-djar.

Fil-lejla ta' jum il-festa, 7 ta' Awwissu, saret kavalkata mill-aqwa bis-sehem ta' sebgħin kavallier ġejjin minn diversi nazzjonijiet, u sinjuri oħrajn bit-torċi f'idejhom, u b'żewġ paġġi ma' kull wieħed minnhom, ukoll bit-torċi mixgħula. B'kollox in-numru qabeż it-tliet mija. Kien hemm ukoll karru kbir imdawwal li ġarr ix-xbieha tal-Beatu Gejtanu u tal-Ordni Ġerosmolitan. F'dan kien hemm kori ta' mużika. Imxew mat-toroq tal-Belt, u għaddew l-ewwel minn quddiem il-bieb ewlieni tal-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, fejn hemm l-altar tal-Beatu, u wara baqgħu sejrin fuq is-sur li jħares fuq fejn huma miżmuma kwarantina x-xwieni u l-iġfna. B'devozzjoni lejn il-Beatu, x-xwieni kienu mimlija dwal. Saritilhom tislima mill-Kavallieri tal-Kavalkata permezz tal-pistoli, u mix-xwieni nstemgħet tidwi r-risposta fit-tislima permezz tal-artillerija u mortaletti, b'mod li l-aktar anzjani stqarrew li qatt qabel ma' saret festa hekk kbira b'tant torċi u b'kobor ta' kavalkata.

Hekk minn kulħadd kienet introdotta n-novena, b'attendenza fil-knisja ta' ħafna persuni li ġew mill-ibliet, mill-Birgu u mill-gżira tal-Isla, u sar sawm, qrar u tqarbin. Hadd ma jiċħad li ma kienx Alla li ried dan kollu permezz ta' dan il-Beatu Gejtanu, serv tiegħu, li qaddes u tana dawk il-grazzji kollha li aħna nitolbu għalihom."

# Xhieda importanti tad-devozzjoni lejn San Gejtanu fl-armata Maltija fl-1673

Snin wara r-rapport dwar il-festa kbira ċelebrata f'Malta f'ġieħ Gejtanu Thiene wara r-rebħa fuq it-Torok fid-29 ta' Lulju 1656, miġbura u stampata f'Venezja fl-1662 minn P. Stefano Pepe, Teatin, insibu r-rapport "Relatione venuta da Malta della gloriosa vittoria ottenuta dalla invitta Squadra delle Gallere dell'Ordine Gerosolimitano, con la presa di quattro poderossimi Vaselli seguita alli 30 di Maggio 1673 contro l'Inimico Commune" stampat f'Palermo minn Carlo Adamo fl-1673, bl-awtur aktarx ikun it-Teatin Sirakużan P.D. Gaetano Gravina, li kien ipprofessa fil-knisja ta' San Ġużepp f'Palermo nhar it-3 ta' April 1649. Minn dan ir-rapport se nislet il-bidu u t-tmiem:

" Bl-istess urġenza tas-snin mgħoddija, f'din is-sena 1673, l-Ordni ta' San Ġwann, reġa' ħareġ l-iskwadra biex tfittex l-għedewwa komuni tal-Kristjaneżimu. Kien jinstama' kullimkien li l-armata tal-għadu kienet lesta biex tħalli Kostantinopli iżda ma kienx magħruf preċiżament lil fejn kienet se tiġbed, iżda b'xorti ħames iġfna tal-Ordni riedu jittrasportaw nies u ħwejjeġ lejn il-Lvant tal-Mediterran u hekk setgħu jiġbru tagħrif dwar ħidmet l-għadu u l-pjan tiegħu, u wkoll jgħassu għal xwieni tal-għadu.

Fil-lejl tal-10 ta' Mejju, telqu minn Malta u l-Ħadd, 21 ta' Mejju, festa tal-Pentekoste, qrib il-gżira ta' Sirfanto, raw madwar sitt mili bogħod minnhom żewġ iġfna Torok li kienu qed jgħaddu minn gżira għal oħra. Raw ix-xwieni tal-Ordni u tħawdu. L-imriekeb tal-Ordni ġrew wara wieħed minn dawn l-iġfna Torok... meta fl-għodwa tat-30 ta' Mejju f'daqqa lemħu numru ta' 54 ġifen Tork qrib il-gżira ta' Kreta ...



*Il-Mediterran kien arena prinċipali għal taqbid bejn iġfna Kristjani u Musulmani.*

... U l-Kmandant, Fra Don Sancio Gravina, wettaq il-wegħda li kien għamel mal-glorjuż San Gejtanu, meta darbtejn ħelsu mill-akbar periklu li jitlef ħajtu wara li ntlaqat minn żewġ tiri. Wieħed kien laqtu f'sidru u l-ieħor laqat l-iskud u hu intant ħareġ mhux ferut. Wiegħed lil San Gejtanu li jibgħat l-ewwel standard tal-għadu li jaqbad taħt idejh. Dwar dan kiteb lil Teatin qarib tiegħu u talbu biex l-istandard jiddendel fil-kappella ta' San Gejtanu quddiem l-altar biex iservi ta' xhieda għall-grazzja maqlugħa u biex permezz tiegħu kulħadd jitħeġġeġ jitlob lil San Gejtanu u jfaħħar lil Alla għar-rebħa miksuba."


*Innoċenz XI.*

## San Gejtanu invokat mill-Beatu Papa Innoċenz XI (1676-1689) bħala l-Protettur tal-Armati Kristjani kontra t-Torok

Fil-Martirologio tal-Knisja Kattolika nsibu dan l-eloġju b'dedika għall-Beatu Papa Innoċenz XI fil-jum tat-12 ta' Awwissu: F'Ruma, il-Beatu Innoċenz XI, mexxa b'għerf il-Knisja, għalkemm imħabbat minn weġgħat u tribulazzjonijiet kbar.
Irrid inwassal lill-qarrej jikkonsidra liema kien il-mottiv tad-devozzjoni ta' dan il-Papa lejn San Gejtanu. Kien: **l-għajnuna li l-Qaddis ta lill-armati Kristjani impenjati kontra t-Torok**. Għal dan nillimita ruħi li nqalleb ftit paġni min-*Notitie raccolte dal Diario di San Paolo che comincia l'anno 1686*, misjuba fil-manuskritt 115 tal-Arkivju Ġenerali tat-Teatini f'Ruma. Insibu...

- "Lejn l-aħħar tan-novena ta' San Gejtanu (Awwissu 1686), u għall-festa tiegħu, inħadmu ħafna altari ad unur tiegħu, ilkoll juru lill-Qaddis protettur tal-armati Kristjani kontra t-Torok, kif rikonoxxut mill-Qdusija Tiegħu il-Papa Innoċenz XI, li ħeġġeġ lill-Prinċpijiet kollha Kristjani biex iżommuh bi Protettur, għall-fatt li Alla l-Imbierek għoġbu jwettaq, f'dawn l-aħħar żminijiet, għadd ta' mirakli bl-interċessjoni tiegħu, b'mod partikulari fir-rebħiet fl-Ungerija. Il-Papa għalhekk ikkonċeda l-Uffiċċju Doppju tal-Qaddis għad-dinja sħiħa, wara li ħassu mweġġa' bin-nuqqas minn bosta Prinċpijiet b'mod partikulari dawk f'Venezja, li jgħarfu l-għajnuna mogħtija mill-Qaddis, ħaġa li skantat lil Ruma, l-aktar meta ntqal li l-Papa kien poġġa lil San Gejtanu protettur għax kellu devozzjoni kbira lejh tant li dejjem kien jirreferi għalih bħala "Dan il-Qaddis Kbir." (MS115, p.3)

- "Hekk kif il-Viċirè ta' Napli, Gaspru, Markiż ta' Carpio, wasal lura mir-rebħa ta' Buda, ittieħed mill-ewwel iżur il-Knisja ta' San Pawl. Fit-toroq Naplitani il-poplu kien ikanta t-tifħir lil San Gejtanu, u fil-Knisja ta' San Pawl, mimlija daqs bajda, tkanta solennement it-Te Deum. Il-Viċirè twassal sal-altar fejn dan, hemmhekk iżża ħajr, u qabel ma ħalla l-knisja stqarr b'xhieda u b'ħajr il-grazzji maqlugħa permezz tal-Qaddis. Għal tlett iljieli sħaħ inxtegħlu t-toroq u ntramaw bosta altari juru lil San Gejtanu rebbieħ fuq it-Torok.

Il-Viċirè ma kienx kuntent b'dan u rritorna fil-pubbliku flimkien mar-rappreżentanti eletti tal-Belt ta' Napli, l-konsulenti, l-presidenti ta' kumitati ċivili, l-imħallfin ċivili u militari u l-milizzja Spanjola u Taljana kollha, biex tkanta mill-ġdid it-Te Deum, li għalih assistew sitt isqfijiet u numru mill-

akbar ta' persuni nobbli. Kienet funzjoni li rnexxiet bil-kbir. Għal din l-okkażjoni t-Teatini ppreżentaw lill-Viċirè b'relikwja tal-Qaddis, li ntlaqgħet b'għożża u b'ferħ kbir. L-altari li dehru mxerrdin ma' kull naħa tal-Belt kienu kollha juru l-istess ħsieb b'modi wisq differenti. F'wieħed San Gejtanu kien jidher fuq il-belt ta' Buda jassisti l-armati Kristjani. F'oħrajn il-Qaddis kien jidher iżomm marbuta taħt saqajh lit-Torok. F'oħrajn deher jittajjar fis-sema fuq armati Torok telliefa u mkissra. U saħansitra f'wieħed deher l-Imperatur u r-Re fuq naħa u d-Duki tal-Bavarja u ta' Lorena fuq in-naħa l-oħra, għarkobbtejhom quddiemu. Kienet xi ħaġa tal-għaġeb il-fidi kbira u l-imħabba lejn il-Qaddis murija minn dawn in-nies permezz ta' dawn l-altari u dawn il-festi. Ma riedux ineħħuhom għax qalu: Dażgur li nżommuhom biex jibqgħu jixhdu l-interċessjoni ta' San Gejtanu, li fiha emminna u li seħħet tassew. Għalhekk m'hemmx kas ta' spejjeż u ta' xogħol biex inżommuhom." (ID, p. 4)

- "Dwar din il-festa intbagħat rapport lill-Ġeneral tal-Ordni Teatina f'Ruma, fejn il-Papa Innoċenz XI qatt ma kien jieqaf juri d-devozzjoni tiegħu lejn dan il-Qaddis, saħansitra lil kull Ambaxxatur, Kardinal jew Prinċep li jmur għandu, wara li kienu jitkellmu dwar is-suġġett li ġiegħel iż-żjara, kien iwasslilhom id-devozzjoni lejn San Gejtanu bi ħlewwa hekk kbira li kienu joħorġu jżommu lill-Qaddis bi protettur tagħhom." (ID, p. 5)

- "Wasal il-Konti ta' Samfrà, mibgħut mid-Duka tal-Bavarja, biex iwassal l-aħbar tal-waqa' ta' Buda lill-Viċirè. Ried irodd ħajr lil San Gejtanu. Kien milqugħ mit-Teatini b'laqgħa mill-aktar xierqa, b'ħajr ukoll lid-Duka li bagħtu u li tant kien jgħin fil-ħidma tar-Reliġjon. Tawh relikwarju tad-deheb bis-sinjal tas-salib u b'relikwja ta' San Gejtanu, u ittra li fiha t-Teatini wasslu l-apprezzament u l-obbligazzjoni tal-Ordni kollha lejh." (ID p, 5).

- "Fl-24 ta' Novembru (1686), intwera solennement fil-Knisja ta' San Pawl, l-istandard Tork, merbuħ mill-Ordni tal-Kavallieri ta' Malta. Dan sar fl-okkażjoni tal-professjoni solenni li għamel fil-Knisja tagħna (San Pawl) biex issieħeb fl-Ordni ta' San Ġwann, iben il-Prinċep della Torella, quddiem mijiet ta' nies." (ID, pp 5-6)



*Il-monument f'ġieħ il-Beatu Papa Innoċenz XI.*

- "Fl-24 ta' Ġunju ta' din is-sena 1687, permezz ta' ittra tal-Ġeneral tat-Teatini, Padre Clodinio, sar magħruf li l-Papa Innoċenz XI, ħareġ ordni lill-knejjes kollha f'Ruma biex jgħidu l-antifona ta' San Gejtanu, b'dan il-vers: **Ora pro sancta Ecclesia Dei, sancte pater Caietane – Ut digni efficiamur promissionibus Christi.** Ġara wkoll li Patri Marino, Vigarju Ġenerali tal-Ġiżwiti, mar għand il-Papa biex jikseb il-barka biex jinbeda l-Kapitlu Ġenerali ta' din l-Ordni, u l-Papa ġiegħlu jmur quddiem l-altar ta' San Gejtanu biex jitolbu jinterċedi biex jingħażel l-aħjar bniedem bħala Ġeneral ta' din l-Ordni." (ID, p 8)

• “ Fit-2 ta’ Settembru, b’ittri minn Ruma, sar magħruf li P.D. Gaetano Bonomo, sab ruħu flimkien ma’ Teatini oħra, qrib id-Duka tal-Bavarja li kien bl-armati Ungeriżi, quddiem mitt elf Tork. Qabel it-taqbida, Padre Bonomo mar riekeb fuq żiemel quddiem l-armata imperjali u bi kliem imqanqal qal lill-mexxejja u lis-suldati biex jikkumbattu hienja għaliex San Gejtanu bħala Protettur kien żgur se jagħtihom rebħa. Mimlija kuraġġ dawn taw kollox fit-taqbida tant li t-Torok tħarbtu, ħafna sfaw mejta, oħrajn għerqu fix-xmara, u oħrajn stkennew għand il-Viżir. Id-Duka tal-Bavarja kien l-ewwel wieħed li daħal fil-kamp fejn flimkien ma’ uffiċjali oħra kantaw it-Te Deum, jirrikonoxxu din ir-rebħa lil San Gejtanu, f’jum l-14 ta’ Awwissu, jum l-ottava tiegħu.”
(ID pp 8-9)

---

STEFANO PEPE, *Vita del B. Gaetano Tiene, fondatore della Religione dei Chierici Regolari Teatini*. Venezja. Heredi Leni 1662. Pp.687-691 (Segn. II/d/99)

ANONIMO. *Relazione venuta da Malta della glorioso vittoria ottenuta dall’invitta Squadra delle Galere dell’Ordine Gerosolimitano... alli 30 di Maggio 1673*. Palermo, Carlo Adamo 1673. (Segn. Vita e miracoli di S. Gaetano. Miscellanea n° 14. II/c/233°)

STEVE STATIONERY

Għall-Ġurnali kollha ta’ Malta u ta’ barra.
Kotba u Magazines, Kartolini għal kull okkażjoni
Ħwejjeġ meħtieġa ġewwa l-uffiċju, Mobile Phone Cards u Tele Cards
Ġugarelli Moderni u Ferm Varjati
Toiletries u Frames

*Għand Steve Stationery tinqeda malajr u toħroġ sodisfatt bi prezzijiet mill-aktar moderati*

*Miftuħ ukoll fil-Ħdud u Festi*

31, Triq Anton Buttigieg Ħamrun Tel: 2123 2490 Mob: 9984 2001